MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 562/2015 LM

**Stephen Micallef (ID 362463M)**

***vs.***

**F.L. Yachting Limited (C 31753)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-9 ta' Ġunju, 2015 mill-attur **Stephen Micallef** (K.I. 362463M), (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

*Illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tal-esponenti fis-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u tliet Euro (€14,903), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta bħala spejjeż, xogħlijiet, servizzi u fuel reżi lill-klijenti tas-soċjetà intimata fuq inkarigu tal-istess soċjetà intimata;*

*Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*

*(Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-istess soċjetà intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni valida x'tagħti għat-talba tal-esponenti;*

*Illi s-soċjetà intimata debitament interpellata sabiex tħallas id-dejn baqgħet inadempjenti u għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*
2. *Tiddikjara lis-soċjetà intimata bħala debitriċi versu l-esponenti attur fl-ammont ta' erbatax-il elf, disa' mija u tliet Euro (€14,903);*
3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lill-esponenti attur is-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u tliet Euro (€14,903).*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru, 2014, u bl-imgħax legali b'effett mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas eventwali, ilkoll kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat in-Nota ta' **F.L. Yachting Limited** (C 31753) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), ippreżentata fis-6 ta' Lulju, 2015 fejn l-istess soċjetà konvenuta qalet li għandha eċċezzjonijiet validi x'iġġib fir-rigward tat-talbiet tal-attur, u għalhekk talbet li tingħata l-opportunità li tressaq ir-risposta maħlufa tagħha a tenur tal-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà konvenuta ngħatat terminu ta' għoxrin ġurnata sabiex tkun tista' tressaq ir-risposta maħlufa tagħha permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2015.

Rat ir-Risposta Maħlufa ppreżentata mis-soċjetà konvenuta **F.L. Yachting Limited** (C 31753) fit-3 ta' Awwissu, 2015 u maħlufa minn Matthew Fiorini Lowell fejn eċċepit:

1) *L-ewwel u qabel kollox l-attur għandu jesebixxi prospett dettaljat li jiġġustifika l-ammont minnu mitlub kif ukoll l-oriġinal tat-talbiet li allegatament għamlet is-soċjetà esponenti biex issir kull biċċa xogħol li tagħha l-attur qed jirreklama l-ħlas*

*fil-kawża odjerna, id-delivery notes relattivi debitament iffirmati mir-rappreżentant tas-soċjetà esponenti u anke l-fatturi relattivi u konsegwentement l-esponenti qiegħda minn issa tirriserva illi tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri u li jistgħu jkunu meħtieġa wara li tali prospett jiġi esebit;*

2) *Illi mingħajr preġudizzju, l-attur għandu jipprova illi l-pretensjonijiet tiegħu mhumiex preskritti a tenur tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu li s-soċjetà esponenti hija debitriċi tal-attur fl-ammont pretiż ta' erbatax-il elf, disa' mija u tliet Euro (€14,903) hekk kif allegat mill-attur;*

4) *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti qatt ma nkarigat lill-attur fis-sens li b'xi mod jista' jintitolah jitlob għall-ħlas tal-preċitata somma ta' €14,903, mingħand is-soċjetà esponenti – tant hu hekk li qatt ma ġew iffirmati dokumenti li jixhdu li sar xi tali inkarigu u aktar minn hekk l-attur, anke sal-lum, qatt l-attur ma ta lis-soċjetà esponenti fatturi jew prospetti li jindikaw dawn l-allegati krediti, u għalhekk l-ewwel u qabel kollox għandhom jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti fl-atti odjerni;*

5) *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li jirriżulta mill-eventwali dokumenti li jiġu sottomessi mill-attur li l-allegati prestazzjonijiet saru a benefiċċju ta' u/jew fuq talba ta' terzi allura għandhom jiġu kjamati fil-kawża dawn it-terzi u fi kwalunkwe każ is-soċjetà esponenti m'għandhiex tħallas għal kwalsiasi tali prestazzjonijiet;*

6) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost mhux talli s-soċjetà esponenti ma hijiex debitriċi tal-attur fil-preċitata pretiża somma ta' €14,903, talli hija kreditriċi tiegħu u għal dan il-għan is-soċjetà esponenti qed tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha skont il-liġi, u qiegħda, kontestwalment tagħmel id-debita kontro-talba kontra l-attur fir-rigward;*

7) *Illi l-esponent nomine jaf bil-fatti kollha minnu dikjarati;*

8) *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

Rat il-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta **F.L. Yachting Limited** (C 31753), ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, li ġiet maħlufa minn Matthew Fiorini Lowell (ID 79480M), li tgħid kif ġej:

1) *Illi l-esponenti ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat promutur tal-kawża odjerna u, kif ingħad, is-soċjetà esponenti qed tipprevalixxi ruħha mid-dritt lilha konċess skont il-liġi u qiegħda tagħmel il-preżenti kontrotalba kontra l-attur;*

2) *Illi s-soċjetà esponenti kienet tat diversi inkarigi lill-attur u fejn hu ġie mitlub sabiex jippresta servizzi ta' guardianage fir-rigward ta' diversi dgħajjes;*

3) *Illi issa minn eżerċizzju li l-esponent qed jagħmel qed jirriżulta li l-attur esiġa mingħand is-soċjetà esponenti, ħlas doppju għad-diversi mis-servizzi minnu pprestati lis-soċjetà esponenti, u dana hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna;*

4) *Illi inoltre kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-attur ikkawża u qiegħed jikkawża danni lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, ta' liema danni l-attur rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli;*

5) *Illi inoltre l-attur rikonvenzjonat approprja ruħu indebitament mid-dinghy ta' tlieta punt tnejn metri (3.2m) tad-ditta Novuraniana u l-mutur outboard tiegħu tad-ditta Mariner ta' għoxrin (20) horse power li kienet it-tender tal-yacht 'Rikah', liema dinghy u mutur huma proprjetà tas-soċjetà esponenti;*

6) *Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha minnu dikjarati.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-attur rikonvenzjonat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1) *Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli biex jirrifondi lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti dik is-somma ta' flus li l-attur rikonvenzjonat esiġa mingħand is-soċjetà esponenti bħala ħlas doppju għad-diversi mis-servizzi minnu pprestati lis-soċjetà esponenti;*

2) *Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat ikkawża danni lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti li l-istess attur rikovenzjonat huwa unikament responsabbli għal dawk id-danni li hu kkaġuna lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

3) *Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat approprja ruħu indebitament mid-dinghy ta' tlieta punt tnejn metri (3.2m) tad-ditta Novuraniana u l-mutur outboard tiegħu tad-ditta Mariner ta' għoxrin (20) horse power li kienet it-tender tal-yacht 'Rikah', liema dinghy u mutur huma proprjetà tas-soċjetà esponenti;*

4) *Tillikwida dak l-ammont ta' flus li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli biex jirrifondi lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti dik is-somma li l-attur rikonvenzjonat esiġa mingħand is-soċjetà esponenti bħala ħlas doppju għad-diversi mis-servizzi minnu pprestati lis-soċjetà esponenti;*

5) *Tillikwida d-danni li l-attur rikonvenzjonat ikkaġuna lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

6) *Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti dak l-ammont ta' flus li l-attur rikonvenzjonat esiġa mingħand is-soċjetà esponenti bħala ħlas doppju għad-diversi mis-servizzi minnu pprestati lis-soċjetà esponenti;*

7) *Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni hekk likwidati li l-attur rikonvenzjonat ikkaġuna lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

8) *Tirritorna d-dinghy ta' tlieta punt tnejn metri (3.2m) tad-ditta Novuraniana u l-mutur outboard tiegħu tad-ditta Mariner ta' għoxrin (20) horse power li kienet it-tender tal-yacht 'Rikah', liema dinghy u mutur huma proprjetà tas-soċjetà esponenti jew jekk dan ma jkunx aktar possibbli, biex tillikwida l-valur fi flus tal-imsemmija dinghy u mutur outboard u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat biex iħallas lis-soċjetà konvenuta il-valur fi flus tal-imsemmija dinghy u mutur outboard.*

*Bl-imgħaxijiet mid-data tal-inadempjenza tal-attur rikonvenzjonat u bl-ispejjeż kontra l-istess attur rikonvenzjonat, minn issa inġunt għas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni oħra kontra l-kontendenti l-oħra għad-danni u rivalza spettanti lis-soċjetà esponenti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat **Stephen Micallef** għall-kontrotalba ta' F.L. Yachting Limited (C 31753) rikonvenzjonanti, li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Frar, 2016 minn Stephen Micallef innifsu, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talbiet tas-soċjetà F.L. Yachting Limited għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:*

i. *Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxi n-nullità tar-risposta ġuramentata u l-kontro-talba stante li fihom eċċezzjonijiet, kawżali u talbiet alternattivi u/jew kontradittorji;*

ii. *Illi, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għandha tipprova li l-pretensjonijiet tagħha m'humiex preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

iii. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-meritu, mhuwiex minnu illi l-esponenti talab ħlas doppju lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għal servizzi minnu reżi. Kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawża l-attur rikonvenzjonat tħallas biss għax-xogħlijiet li għamel u fadallu jirċievi l-bilanċ indikat fir-rikors ġuramentat promutur. Fil-fatt is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti naqset li tħallas lill-esponenti s-somma ta' €14,903 għal servizzi minnu reżi għal xogħol ta' guardianage u re-fuelling ta' dgħajjes, liema xogħol sar fuq inkarigu tal-istess soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

iv. *Illi assolutament mhuwiex minnu li l-esponenti kkawża jew qiegħed jikkawża xi forma ta' danni lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

v. *Illi mhuwiex minnu wkoll li l-esponenti approprja ruħu indebitament minn proprjetà tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti u f'dan ir-rigward is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti trid preliminarjament tipprova t-titolu tal-oġġetti msemmija fil-kontro-talba tagħha;*

vi. *Illi għalhekk m'hemmx lok għal-likwidazzjoni u ordni ta' ħlas ta' rifużjoni ta' flejjes u/jew ta' danni u/jew ta' konsenja ta' oġġetti lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti stante li l-esponenti m'għandu jagħti xejn lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, iżda hija l-istess soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti li hija debitriċi tal-esponenti, kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża. Il-kontro-talba ġiet intavolata biss wara li l-esponenti ressaq il-pretensjonijiet tiegħu quddiem din l-Onorabbli Qorti tant hu hekk li l-esponenti qatt ma irċieva ebda forma ta' intimazzjoni f'dan ir-rigward mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ulterjuri tal-attur rikonvenzjonat **Stephen Micallef** għall-kontrotalba ta' F.L. Yachting Limited (C 31753), *ai termini* tal-artikolu 2122 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 731 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ġiet ippreżentata fit-12 ta' April, 2018 minn Stephen Micallef stess, li biha eċċepixxa:

*Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ippreżentati preċedentement u fuq bażi preliminari, kwalsiasi talbiet u pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti huma preskritti ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur qiegħed jitlob lis-soċjetà konvenuta l-ħlas ta' għadd ta' servizzi pprestati lilha jew lil klijenti tagħha fuq inkarigu li tatu s-soċjetà konvenuta stess, liema servizzi jinkludu fost l-oħrajn servizzi ta' kura u tindif ta' dgħajjes jew jottijiet, ix-xiri u l-mili ta' *fuel* għad-dgħajjes u t-tlestija ta' dawn id-dgħajjes kull darba li s-sidien tagħhom ikunu jridu joħorġu bihom fuq il-baħar. Bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub jew kuntratt li jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom, iżda jidher li l-arranġament li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta kienet tinkariga lill-attur jipprovdi servizzi varji lill-klijenti tagħha, kien ilu għaddej għadd ta' snin, li matulhom qatt ma kien hemm problemi bejn il-partijiet. L-attur ippreżenta l-kawża odjerna wara li allegatament is-soċjetà konvenuta naqset li tħallsu l-ammonti kollha dovuta minnha għal servizzi pprestati mill-attur fix-xhur ta' Lulju u Awwissu tas-sena

2014, tant li l-attur jgħid li għad baqa' bilanċ fl-ammont ta' erbatax-il elf, disa' mija u tliet Euro (€14,903) dovuti lilu.

It-talba oriġinali tal-attur kienet fis-sens li s-soċjetà konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet tiegħu u li konsegwentement il-Qorti għandha tiddispensa bis-smigħ tal-kawża *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu s-soċjetà konvenuta, permezz ta' nota, wieġbet li għandha eċċezzjonijiet x'tagħti għall-pretensjonijiet tal-attur, u ġiet awtorizzata tippreżenta risposta ġuramentata sabiex twieġeb għat-talbiet tal-attur. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-attur naqas milli jippreżenta prospett dettaljat li jiġġustifika l-ammonti mitluba minnu, kif ukoll eċċepiet li tali talbiet huma preskritti bis-saħħa tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili. Is-soċjetà konvenuta ċaħdet li hija debitriċi tal-attur fis-somma pretiża minnu, u ċaħdet ukoll li hi qatt tat xi inkarigu lill-attur li jintitolah jitlob ħlas.

Flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, is-soċjetà konvenuta ressqet ukoll kontrotalba fejn ippremettiet li l-attur rikonvenzjonat ingħata diversi inkarigi minnha, li għalihom qiegħed jeżiġi ħlas doppju jew ħlasijiet li mhux intitolat għalihom, b'detriment u dannu għas-soċjetà konvenuta. Konsegwenza ta' dan is-soċjetà konvenuta talbet li l-attur jiġi ddikjarat responsabbli biex jirrifondi lis-soċjetà konvenuta dik is-somma flus li l-attur eżiġa mingħandha bħala ħlas doppju għal diversi mis-servizzi pprestati minnu, kif ukoll li l-attur jiġi ddikjarat responsabbli għad-danni kkawżati minnu, fosthom li approprja ruħu indebitament minn *dinghy* u mutur *outboard* proprjetà tas-soċjetà konvenuta.

Min-naħa tiegħu l-attur rikonvenzjonat wieġeb li l-kontrotalbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 u tal-

artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li ċaħad li seħħew il-fatti kif esposti mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta.

## **Provi u riżultanzi**

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[1] qal li hu jiġġestixxi negozju bl-isem 'Stephen & Son Boat Care', fejn jagħmel xogħol ta' manutenzjoni u riparazzjoni fuq inġenji tal-baħar, inkluż l-għoti ta' *fuel* lil inġenji tal-baħar. L-attur spjega li s-soċjetà konvenuta kienet tqabbdu jagħmel diversi xogħlijiet fuq dgħajjes tal-klijenti tagħha, tant li ħafna drabi l-klijenti tal-istess kumpannija kienu jikkuntattjaw lilu direttament għax-xogħol li kienu jirrikjedu. Żied jgħid li x-xogħol hu kien jagħmlu f'isem is-soċjetà konvenuta u anki l-ħlasijiet mill-klijenti kienu jsiru lilha direttament, u wara kienu jiġu bbilanċjati l-kotba bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta. L-attur qal li l-aħħar xogħol li għamel għas-soċjetà konvenuta kien f'Lulju u Awwissu tal-2014, u għax-xahar ta' Lulju, 2014 is-soċjetà konvenuta kellha tħallsu l-ammont ta' għaxart elef, sitt mija u tmienja u disgħin Euro (€10,698), filwaqt li għax-xahar ta' Awwissu 2014, is-soċjetà konvenuta kellha tħallsu l-ammont ta' tlettax-il elf, u żewġ Euro (€13,002), imma minn dawn l-ammonti dovuti hu tħallas biss is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000). Żied jgħid li r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, Matthew Fiorini Lowell, kien wiegħdu li ser jitħallas hekk kif is-soċjetà konvenuta tiġbor il-flus dovuti lilha mingħand il-klijenti tagħha. L-attur qal ukoll li parti sostanzjali mill-ammont ta' tlettax-il elf u seba' mitt Euro (€13,700) li kien għadu dovut lilu kien prinċipalment għal xogħol li hu għamel fuq dgħajsa bl-isem 'Crewless', u l-*fuel*

[1] *A fol.* 21 tal-proċess.

li hu kien jixtri għad-dgħajjes tal-klijenti tas-soċjetà konvenuta kien jinxtara mingħand AC Fuels, u hu kien jingħata irċevuta ta' dan. L-attur qal li l-kwistjonijiet bejnu u s-soċjetà konvenuta bdew meta wieħed mill-klijenti tas-soċjetà konvenuta kien avviċinah u qallu li kien qiegħed jiċċarġja ħafna flus għas-servizzi tiegħu, u meta l-attur tah spjega tal-kontijiet maħruġa minnu u tar-rati tiegħu, l-attur kien intebaħ li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tagħmel qligħ ta' madwar ħamsin fil-mija (50%) fuq il-prezzijiet mitluba mill-attur. Qal ukoll li wara ftit taż-żmien hu rċieva ittra mingħand l-avukati tas-soċjetà konvenuta fejn l-attur intalab ma jkellimx u ma javviċinax aktar lill-klijenti tas-soċjetà konvenuta, u ġie infurmat ukoll li ma kienx ser jingħata aktar xogħol mis-soċjetà konvenuta.[2] Qal li hu ma kellux oġġezzjoni għal dan sakemm jitħallas tax-xogħol li effettivament laħaq għamel għax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2014. Żied jgħid li hu baqa' ma tħallasx, għalkemm jaf li s-sid tad-dgħajsa 'Crewless' ħallas lis-soċjetà konvenuta għas-servizzi u l-*fuel* li kienu ngħataw mill-attur. L-attur spjega li bejnu u d-direttur tas-soċjetà konvenuta Matthew Fiorini Lowell kien inqala' inċident partikolari meta dawn iltaqgħu b'kumbinazzjoni fil-*boat yard* ta' Manoel Island, u hekk kif l-attur avviċina lil Matthew Fiorini Lowell u staqsieh meta kien ser jgħaddilu l-flus dovuti lilu, dan beda jgħajru ħalliel u saħansitra ħebb għalih. Qal li min-naħa tiegħu hu għamel rapport fl-Għassa ta' Tas-Sliema u wara dan l-inċident inbdew proċeduri kriminali fil-konfront ta' Fiorini Lowell. L-attur qal li apparti l-ammont ta' tlettax-il elf u seba' mitt Euro (€13,700) għax-xogħol li sar fuq id-dgħajsa 'Crewless', huwa kellu jiġbor ukoll l-ammont ta' elf, mitejn u tliet Euro (€1,203)[3] għal xogħol li sar fuq dgħajsa bl-isem 'The Stig', li s-sid tagħha kien iddeċieda li ma jibqax juża s-servizzi tas-soċjetà konvenuta. Qal li minkejja li

[2] Kopja tal-ittra *a fol.* 55 tal-proċess.
[3] Kopja tal-fattura rilevanti *a fol.* 58 tal-proċess.

kien hemm qbil bejnu u s-sid li dan iħallas direttament lilu għall-*fuel* u għal xogħol ieħor li sar fuq din id-dgħajsa, xi ħadd mis-soċjetà konvenuta kien informa lil sid 'The Stig' li s-soċjetà konvenuta kienet diġà ħallset lill-attur, u konsegwentement ma kellu għalfejn isir l-ebda ħlas ieħor lilu. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li hu jaħdem b'sistema ta' *overdraft* mal-bank, u peress li hu ma ġabarx l-ammont ta' tlettax-il elf u seba' mitt Euro (€13,700) dovuti lilu, kellu jitlob faċilità ta' *temporary excess limit* mingħand il-bank sabiex seta' jkompli jaħdem, fuq liema ammont hu qiegħed iħallas l-imgħaxijiet.[4]

L-attur ippreżenta kopja tal-fatturi maħruġa minnu lis-soċjetà konvenuta għax-xahar ta' Lulju 2014[5], kif ukoll dawk maħruġa għax-xahar ta' Awwissu tal-istess sena.[6] Ġew esebiti wkoll numru ta' fatturi maħruġa minn AC Fuels fir-rigward ta' *fuel* mixtri mill-attur, b'konferma li kien hu li ħallas għax-xiri ta' dan il-*fuel.*[7]

Fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2015 xehed **Robert Arrigo**[8], sid tad-dgħajsa bl-isem 'Crewless', li qal li hu dejjem inkariga lis-soċjetà konvenuta għas-servizzi li kellu bżonn fuq il-*yacht* tiegħu, għalkemm irrikonoxxa wkoll li l-attur kellu xi arranġament mas-soċjetà konvenuta, u kien l-attur li kien ikun fiżikament fuq il-post jagħmel ix-xogħol rikjest. Ix-xhud qal li hu kien jingħata diversi servizzi mis-soċjetà konvenuta u din kienet tibgħatlu kont ta' kull xahar għas-servizzi mogħtija lilu. Ix-xhud ikkonferma li hu m'għandu l-ebda kont pendenti mas-soċjetà konvenuta għall-perijodu Lulju u Awwissu tal-2014.

[4] Kopja tad-dettalji bankarji rilevanti *a fol.* 60 tal-proċess.
[5] *A fol.* 23-30 u 37 u 58 tal-proċess. It-total dovut lill-attur skont dawn il-fatturi esebiti hu ta' €11,602.
[6] *A fol.* 31-41 tal-proċess. It-total dovut lill-attur skont dawn il-fatturi esebiti hu ta' €10,691.43.
[7] *A fol.* 42 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 66 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **David Demajo**[9], li kien is-sid tal-*yacht* bl-isem 'The Stig', li qal li kull darba li qabbad lis-soċjetà konvenuta tipprovdilu xi servizz, dejjem deher l-attur. Qal li l-attur kien il-persuna li assigura li hu ngħata l-*fuel* hekk kif daħal il-*yacht* minn barra, għalkemm qal ukoll li hu dejjem ħallas lis-soċjetà konvenuta għas-servizzi pprovduti lilu. Qal li l-attur għamel xogħol ieħor fuq il-*yacht* tiegħu, u ta' dan ix-xogħol kienet tħallset is-soċjetà F.L. Yachting Ltd. Ix-xhud ikkonferma li hu m'għandu l-ebda kont pendenti mas-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016 xehed **Dr Jonathan Abela**[10], in rappreżentanza tas-soċjetà AC Fuels, li qal li l-fatturi mill-kumpannija rappreżentata minnu kienu joħorġu f'isem is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-inkarigu lis-soċjetà rappreżentata minnu kien jingħata billi huma jkollhom il-*bowsers* tagħhom fuq il-mollijiet lesti sabiex jagħtu l-*fuel* lid-dgħajjes. Qal li jkun hemm persuna li tagħti l-inkarigu u li titlob li jingħata l-*fuel* lil dgħajsa partikolari u din il-persuna diversi drabi kienet tkun l-attur. L-impjegat ta' AC Fuels jassigura li d-dgħajsa partikolari tingħata l-*fuel.* Qal li l-ammont ta' litri fi *fuel* li jingħataw jiġu rreġistrati fuq il-*meter,* u dak il-ħin stess toħroġ fattura.[11]

Fl-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2016 xehed **Michael Debono**[12] li jaħdem bħala *driver* mal-kumpannija AC Fuels, li kkonferma li jaf lill-attur bħala *sub-contractor* ma' F.L. Yachting. Ix-xhud spjega li xogħlu hu li jipprovdi l-*fuel* fuq id-dgħajjes skont il-ħtieġa. Qal li Stephen Micallef kien iċempillu biex jimlilu d-dgħajjes bil-*fuel* u wħud minn dawn id-dgħajjes kienu jkunu ta' F.L. Yachting

[9] *A fol.* 68 tal-proċess.
[10] *A fol.* 71 tal-proċess.
[11] Kopji ta' fatturi maħruġa minn AC Fuels lil F.L. Yachting Ltd *a fol.* 75-105 tal-proċess.
[12] *A fol.* 111 tal-proċess.

Limited. Żied jispjega li l-attur kien iċempillu, u hu kien jiftiehem dwar post u ħin fejn kellu jiltaqa' miegħu, u hekk kif jimlilu d-dgħajsa bil-*fuel,* l-attur kien jagħmillu *cheque post-dated* għal tletin ġurnata li kien jinħareġ mill-attur stess. Qal li kien hemm drabi fejn hu ra lill-attur ma' Matthew Fiorini Lowell flimkien fuq xi dgħajsa, u anki meta dawn kienu jkunu flimkien, il-ħlas għall-*fuel* xorta waħda kien jagħmlu Stephen Micallef. Ix-xhud qal li l-kontijiet kienu joħorġu f'isem F.L. Yachting Limited, iżda ċ-ċekkijiet dejjem ħariġhom l-attur. Ix-xhud qal li kienu l-attur u Matthew Fiorini Lowell li kienu talbuh biex joħroġ il-fatturi f'isem F.L. Yachting Ltd. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li d-diriġenti tas-soċjetà li hu kien jaħdem magħha kienu jafu b'dan l-arranġament, u kienu aċċettawh.

Fl-istess udjenza reġa' xehed **Robert Arrigo**[13], li ppreżenta kopja ta' żewġ fatturi maħruġa lilu minn F.L. Yachting Limited għal servizzi reżi lilu.[14] Ix-xhud qal li kien hemm drabi fejn hu kien jikkuntattja lil Stephen Micallef biex jaħsillu d-dgħajsa u jerġa' jimliha bil-*fuel* għall-vjaġġ li jkun imiss. Qal ukoll li l-ħlasijiet għal dawn is-servizzi kienu jsiru minnu lil F.L. Yachting Ltd. Qal li hu kien tpoġġa f'kuntatt ma' Stephen Micallef minn F.L. Yachting Ltd., għalkemm qal li ma jafx x'tip ta' arranġament dawn kellhom bejniethom.

Permezz ta' nota tal-14 ta' Marzu, 2016, l-attur ippreżenta kopja ta' tmien (8) ċekkijiet maħruġa minnu favur AC Fuels għall-ħlas ta' *fuel* akkwistat għan-nom tas-soċjetà konvenuta[15], kif ukoll kopja ta' korrispondenza skambjata bejn il-

[13] *A fol.* 116 tal-proċess.
[14] *A fol.* 118 u 119 tal-proċess.
[15] *A fol.* 121 tal-proċess.

partijiet, li tikkonfermaw li s-soċjetà konvenuta kienet tinkariga lill-attur jagħmel xogħlijiet lil klijenti tas-soċjetà konvenuta.[16]

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat *affidavit* ta' **Anton Chetcuti Ganado**[17], l-awditur tagħha, li qal li ftit taż-żmien qabel il-*managing director* ta' F. L. Yachting Limited kien talbu jivverifika l-kontijiet maħruġa mill-attur minħabba li s-soċjetà konvenuta kien fi ħsiebha tittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellha miegħu. Żied jgħid li l-informazzjoni li kienet tingħatalu mis-soċjetà konvenuta kienet li l-attur kien jitqabbad minnha biex jaħsel id-dgħajjes tal-klijenti tagħhom u biex jagħmel xogħol ieħor bħal jagħti l-*fuel* lid-dgħajjes. Qal ukoll li hu kien ilu jippresta servizzi ta' awditjar lis-soċjetà konvenuta sa mis-sena 2004, u ma jeżisti l-ebda kuntratt bejn F. L. Yachting Limited u l-attur. Qal ukoll li l-attur kien jitqabbad jagħmel ix-xogħol bl-imqieta, u dan kien jitħallas għal kull biċċa xogħol skont ir-rata li kienet tiġi miftiehma bejn il-partijiet minn qabel. Ix-xhud qal li minn verifiki li saru mill-uffiċċju ta' awdituri li tiegħu hu l-*managing partner,* irriżulta li kien hemm numru ta' *overcharges* li l-attur talab ħlas għalihom mis-soċjetà konvenuta li komplessivament jammontaw għal tnax-il elf, seba' mija u tlieta u ħamsin Euro (€12,753), u spjega liema ammonti kienu ġew fatturati indebitament, fosthom servizzi ta' *guardianage* li ngħataw lil diversi dgħajjes. Qal li apparti dawn l-*overcharges,* l-attur żamm għandu *dinghy* ta' 3.2 metri kif ukoll mutur tal-marka Mariner 20hp, li flimkien jiswew mal-elf, tliet mija u tlieta u tletin Euro (€1,333). Ix-xhud qal li wara li saru dawn il-verifiki, l-attur kien ġie mgħarraf mis-soċjetà konvenuta li mill-

[16] *A fol.* 127 *et seq.* tal-proċess.
[17] *A fol.* 152 tal-proċess.

ammonti kollha pretiżi minnu, kien dovut biss l-ammont ta' elfejn, mija u ħamsin Euro (€2,150).[18]

Fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2016 sar il-kontroeżami tal-attur[19], fejn sarlu riferiment għall-parti tal-*affidavit* tiegħu fejn xehed li wieħed mill-klijenti kien ilmenta miegħu li kien qiegħed jiċċarġja ħafna flus għas-servizzi tiegħu. L-attur qal li dan il-klijent kien Mark Hatton, sid tas-*sailing boat* bl-isem 'Absolut'. Fi kliem l-attur:

> "Hu affaċċjani u qalli, "Stephen, kemm qed tiċċarġjani għoli." Għidtlu, "jien m'hu qed niċċarġjak xejn, jiena l-kontijiet intihom lil F.L. Yachting u F.L. Yachting qed jiċċarġjaw lilek."

L-attur qal li dan Hatton kien infurmah li r-rata tas-suq għall-ħasil ta' dgħajsa hi ta' bejn erbgħin u ħamsin Euro, u hu kien wieġbu li hu daqshekk iżomm. Kien f'dak il-punt li dan Hatton qallu li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tiċċarġja 50% + VAT aktar mill-ammont stabbilit mill-attur għas-servizzi tiegħu. L-attur qal li bejnu u Fiorini Lowell kien hemm inċident partikolari meta hu rah il-*yard* ta' Manoel Island b'kumbinazzjoni u kien mar fuqu u staqsih dwar flejjes li skont hu kellu jieħu mingħand is-soċjetà konvenuta. Qal li Fiorini Lowell għajru 'ħalliel' u beda jaggredieh. Qal li ma setax ikun li kien hu li beda l-aggressjoni minħabba li ftit taż-żmien qabel kien tah attakk tal-qalb, tant li f'dik il-ħabta ma kienx qiegħed jaħdem, u kien mar il-*yard* biss biex jiċċekkja fuq it-tifel tiegħu li kien jaħdem miegħu. Qal li l-kont pendenti kien għal servizzi ta' ħasil u ta' xiri ta' *fuel,* u Fiorini Lowell kien qallu li hekk kif Robert Arrigo jħallas il-kont tiegħu, hu kien ser ikun f'qagħda li jibbilanċja l-kontijiet mal-attur, imma huwa baqa' ma tħallasx. L-attur ġie mistoqsi jekk hu kienx

[18] Dokumenti ppreżentati mix-xhud *a fol.* 155 *et seq* tal-proċess.
[19] *A fol.* 201 tal-proċess.

żamm għandu *dinghy* u mutur sabiex jitħallas bihom, u l-attur wieġeb li kemm id-*dinghy* kif ukoll il-mutur huma proprjetà tiegħu.

Permezz ta' nota tal-4 ta' Lulju, 2016, l-attur ippreżenta dokument li permezz tiegħu wera li hu s-sid tal-mutur bis-*serial number* 0P020867.[20]

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 xehed **Joseph Satariano**[21] li qal li r-relazzjoni tiegħu mal-attur bdiet ħafna qabel ir-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà konvenuta, li huwa direttur tagħha. Qal li għal diversi snin l-attur kien jeħodlu ħsieb id-dgħajsa tiegħu, jara li tkun mimlija bil-*fuel,* u fejn kien ikollu xi problema kien jara kif jagħmel u jirranġahielu. Qal li għamel żmien fejn ma baqax juża s-servizzi tal-attur u kien inkariga lil ħaddieħor, iżda wara xi snin reġa' beda juża s-servizzi tal-attur. Qal ukoll li r-relazzjoni li kellu mal-attur dejjem kienet waħda tajba, sakemm darba minnhom Matthew Fiorini Lowell kien infurmah li kien hemm xi diskrepanzi fil-ħlasijiet pretiżi mill-attur. Żied jgħid li d-*dinghy* li allegatament inżamm mill-attur huwa proprjetà tiegħu. Dan ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta għaddiet b'madwar nofs miljun Euro xogħol lill-attur, u kieku wieħed kellu jifli bir-reqqa l-kontijiet li ntbagħtu tul is-snin, isib li hemm diskrepanzi ferm aktar minn dawk li qegħdin jiġu pretiżi mis-soċjetà konvenuta f'din il-kawża. Ix-xhud qal ukoll li d-dokument ippreżentat mill-attur sabiex juri li hu kien xtara l-mutur li s-soċjetà konvenuta qiegħda tallega li ġie mmisapproprjat minnu, ma jistax ikun awtentiku. Żied jgħid li l-attur dejjem irrifjuta li jkollu xi tip ta' kuntratt mas-soċjetà konvenuta u dan dejjem ħadem u tħallas bl-imqieta. Qal ukoll li bħala kumpannija huma qatt m'offrew servizzi ta' *guardianage* jew talbu lill-attur jipprovdi dan is-servizz, u huma

[20] *A fol.* 204 tal-proċess.
[21] *A fol.* 210 tal-proċess.

qatt ma talbu lill-attur jagħmlilhom xi reklami. Ix-xhud qal li minkejja li hu ma daħalx fid-dettall tal-fatturi mibgħuta lis-soċjetà konvenuta, għalih kien ċar li kien hemm *overcharging.* Għad-domandi li sarulu in rieżami, ix-xhud qal li minkejja li kienu jintalbu irċevuti tal-VAT lill-attur, dan dejjem irrifjuta li jagħtihom.

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 xehed **Matthew Fiorini Lowell**[22], li qal li hu direttur li jmexxi s-soċjetà konvenuta. Qal li bejn il-partijiet qatt ma ġie ffirmat kuntratt, u min-naħa tiegħu hu kien iqabbad lill-attur jagħmel biċċa xogħol, bħal jaħsel id-dgħajjes, jimlihom bil-*fuel,* u l-attur min-naħa tiegħu kien jagħti kont lix-xhud, u x-xhud kien jara li jiċċarġja lill-klijent. Żied jgħid li minkejja li da parti tas-soċjetà konvenuta saru diversi tentattivi biex tinħoloq skema ta' prezzijiet b'rati stabbiliti mal-attur, dan dejjem irrifjuta li jkun hemm arranġament bħal dan. Qal li l-kwistjoni bejn il-partijiet inqalgħet meta hu ċċekkja xi kontijiet passati u sab li kien hemm *overcharging* u diskrepanzi, fosthom l-attur talab flus għal servizzi li mhux suppost ingħataw, bħal meta fuq l-istess kont intalab ħlas għal *boat washing* u għal *boat guardianage,* li essenzjalment ifissru l-istess ħaġa.[23] Ix-xhud qal li l-attur kien jagħmel ħafna pressjoni biex jitħallas meta jmur bil-kont, iżda meta faqqgħet din il-kwistjoni bejn il-partijiet, l-awdituri u d-diretturi l-oħra tal-kumpannija kienu qalulu biex jiċċekkja l-kontijiet, u kien hemmhekk li sab dawn id-diskrepanzi. Qal li min-naħa tas-soċjetà konvenuta, il-kontijiet tal-attur qegħdin jiġu kkontestati. Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta kienet tgħaddi b'kemm jiswew ħamsin u

[22] *A fol.* 222 tal-proċess.
[23] Fi kliem ix-xhud: "Jekk tista' tara January 2014, Xemxija, '*guardianage'* Eur 50 u taqbad naħseb Dok. 1, Xemxija '*guardianage'* Eur 50 *a fol.* 155. Jiġifieri fuq *fol.* 153 għandek il-lista u hawn neqilbu fuq il-kont. Għandek *boat cleaning* u *boat guardianage* fuq l-istess kont u mhux suppost. *Guardianage* jinkludi *cleaning, they are double charges these* u nibqgħu sejrin il-lista kollha. Jekk tmur lura ma ssibx kont wieħed mingħand Steve bil-*guardianage.* Dan f'daqqa waħda beda jiċċarġja *guardianage, two hundred* 'l hemm, *fifty* 'l hawn u huma kollha *overcharges."*

anki tmenin elf Euro xogħol fis-sena lill-attur, u li meta dan beda jitlob ħlas għal servizzi li ma kinux jingħataw minnu f'ammonti żgħar ta' ħamsin jew ftit mijiet ta' Euro, ħadd mis-soċjetà konvenuta ma induna b'dan. Fi kliem ix-xhud:

> "Dan konna nagħtuh ħamsin, tmenin elf fis-sena xogħol. Meta tibda tara, ħamsin Euro ma tindunax. *Fifty to hundred euro* ma tindunax f'kont ta' sitt elef Euro, speċjalment meta jagħmillek *fuss* biex tħallsu. Issa mora iktar lura għax sibna *advertising on vans.* Dan kien jaqbad *sticker* tal-*logo* tagħna, tad-ditti tagħna, jagħmilha fuq il-van *to solicit the work for himself.* Jiġifieri dan qatt ma qalli, "hawn dan il-klijent indaħħluh magħna." *He always solicited more work for himself.* Jiġifieri *he used our brands to get more work for himself."*

Ix-xhud spjega wkoll li s-soċjetà konvenuta kellha klijent li ried jixtri dgħajsa ġdida, u li bħala *part-payment* għax-xiri ta' din id-dgħajsa, kienet ittieħdet id-dgħajsa l-antika li kellha din il-persuna, bid-*dinghy* b'kollox. Qal li ma jistax jifhem x'inhi r-raġuni għalfejn l-attur żamm id-*dinghy* għandu. Qal li *dinghy* bħal dik li qiegħed iżomm għandu l-attur illum jiswa aktar minn sitt elef Euro.

**Matthew Fiorini Lowell** kompla jixhed fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2017[24], u ppreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-*insurance* tad-dgħajsa inkwistjoni bid-*dinghy* inkluż magħha[25], flimkien mal-kopja tal-*invoice* tad-*dinghy* meta kienet inxtrat oriġinarjament. Ix-xhud żied jgħid li min-naħa tas-soċjetà konvenuta qatt ma ngħata xogħol ta' *boat guardianage* lill-attur, u spjega li *boat guardianage* jinkludi xogħol ta' ħasil ta' dgħajsa, xkatlar, żebgħa u servizzi simili, u għal numru ta' snin l-attur qatt ma talab ħlas għal servizzi bħal dawn mingħand is-soċjetà konvenuta. Imma f'daqqa waħda beda jippretendi ħlas għal servizzi ta' *guardianage.* Qal li dan wassal għal sitwazzjoni ta' *double charging* maħluqa mill-attur. Ix-xhud qal li hu minnu li kien hemm bilanċ li kien dovut mis-soċjetà

---

[24] *A fol.* 230 tal-proċess.
[25] *A fol.* 233 tal-proċess.

konvenuta, iżda meta saru l-verifiki min-naħa tal-awdituri tas-soċjetà konvenuta, kien instab li kien hemm ħafna diskrepanzi, bħal meta pereżempju l-attur talab il-ħlas ta' *commission* li qatt ma kien hemm ftehim dwarha bejn il-partijiet. Żied jgħid ukoll li l-attur ippretenda ħlas għal reklamar, li però s-soċjetà konvenuta qatt ma talbitu jew daħlet fi ftehim miegħu dwaru. Żied jgħid li min-naħa tas-soċjetà konvenuta jixtiequ li jkun hemm tpaċija bejn l-ammonti dovuti minnha, ma' dawk l-ammonti li skont huma ġew *double charged* tagħhom. Ix-xhud qal ukoll li darba minnhom l-attur ippretenda ħlas għal *anti-fouling*, li s-soċjetà konvenuta kienet diġà ħallset tiegħu lil terzi.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Anton Chetcuti Ganado**[26], li qal li lill-attur hu ma jafux personalment, u hu qatt ma kien preżenti meta l-attur ġieli ġie mqabbad xi biċċa xogħol mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li hu għamel il-verifiki tiegħu fir-rigward tal-fatturi mibgħuta mill-attur, u kien sab li kien hemm *overcharging* u servizzi li ntalab ħlas tagħhom meta bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim li l-attur kellu jagħti tali servizzi. Qal li *guardianage* jinkludi servizzi ta' tindif tad-dgħajjes, u hu jaf b'dan mingħand id-direttur tas-soċjetà konvenuta. Żied jgħid li meta mar lura u għamel il-verifiki dwar fatturi maħruġa fi snin passati, irriżultalu li f'fatturi passati ma kienx intalab ħlas għal *guardianage.* Ix-xhud ġie muri dokument *a fol.* 193 tal-proċess, li hu fattura maħruġa mill-attur fis-sena 2011, u li tinkludi talba għall-ħlas ta' servizzi ta' *guardianage* da parti tal-attur. Ix-xhud qal ukoll li qabel infetħet din il-kawża, Matthew Fiorini Lowell qatt ma kien ġibidlu l-attenzjoni dwar xi diskrepanzi fil-kontijiet maħruġa mill-attur jew dwar il-kwistjoni tal-*overcharging.* Ix-xhud qal ukoll li fir-rigward tad-*dinghy* li

[26] *A fol.* 244 tal-proċess.

allegatament inżamm mill-attur, hu kien ivverifika mal-*accounts* tas-soċjetà konvenuta li *dinghy* li suppost kien fil-pussess tagħha, ma kienx għandha, u l-valur attribwit għal dan id-*dinghy* kien ġie indikat lilu minn Matthew Fiorini Lowell.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Matthew Fiorini Lowell**[27], li qal li minkejja li t-talba tal-attur hi ġusta, hemm element ta' tpaċija mad-*dinghy* miżmum mill-attur, l-*overcharging* għall-*guardianage,* il-*commission* ta' ħamest elef Euro li l-attur kien talab wara li intervjena ma' terz u ħajru jixtri dgħajsa mingħand is-soċjetà konvenuta, u ħlas għal reklami u *double charging* għall-*anti-fouling,* li kollha kemm huma ġew pretiżi mill-attur separatament u s-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid li ġew imħallsa minnha b'mod indebitu. Fir-rigward tad-*dinghy,* ix-xhud qal li dan kien parti minn dgħajsa li kienet proprjetà tas-soċjetà konvenuta minħabba li kien sar *part-payment* b'din id-dgħajsa in kontrokambju għax-xiri ta' dgħajsa oħra. Qal li d-dgħajsa nbiegħet mingħajr id-*dinghy* fis-sena 2009, u d-*dinghy* inżamm fil-garaxx tal-attur. Żied jgħid li l-attur kien ikkonċeda l-użu ta' dan id-*dinghy* lis-soċjetà konvenuta għax-xogħol, u s-soċjetà konvenuta kienet tagħmel użu minnu biex isir xogħol fil-marina. Qal ukoll li l-attur ma kellux intenzjoni ħażina meta ħa pussess ta' dan id-*dinghy,* minħabba li kien qiegħed jagħmel xi xogħol fuqu, iżda kull darba li hu talab li dan id-*dinghy* jiġi ritornat lis-soċjetà konvenuta, għal xi raġuni l-attur m'għamilx dan. Żied jgħid li s-soċjetà konvenuta għandha numru ta' garaxxijiet fejn jista' jinżamm dan id-*dinghy* u m'għandhiex għalfejn tagħmel użu mill-garaxx tal-attur għal dan il-għan. Qal li l-valur tal-*outboard* bejn wieħed u ieħor hu nofs il-valur tad-*dinghy* u meta l-

[27] *A fol.* 251 tal-proċess.

attur għamel xogħol fuq id-dgħajsa li d-*dinghy* kienet jifforma parti minnha, tefa' l-*outboard* fuq id-dgħajsa. Ix-xhud qal li kien hemm ftehim bil-miktub dwar it-trasferiment ta' din id-dgħajsa, li iżda ma kienx fih l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir kollu li kellha fuqha din l-istess dgħajsa. Qal li meta sar it-trasferiment tad-dgħajsa, kien l-attur li ġarrha mill-marina, u l-attur kien qal lid-diriġenti tas-soċjetà konvenuta biex jieħdu d-*dinghy* minħabba li hu ma kellux bżonnu. Ix-xhud intalab jispjega x'inhi d-differenza bejn *guardianage* tad-dgħajsa u l-ħasil jew it-tindif tagħha. Qal li *guardianage* jinkludi li wieħed jieħu ħsieb id-dgħajsa, inkluż il-ħasil tagħha. Qal li l-attur qatt ma kien inkarigat biex jagħti servizzi oħra għajr għall-ħasil tad-dgħajjes, u meta kien hemm drabi li nqala' l-maltemp u niżel jiċċekkja d-dgħajjes, dan għamel hekk minn rajh u mhux għax kien inkarigat mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ġie mistoqsi qattx ċempel lill-attur f'nofs ta' lejl u talbu jinżel jiċċekkja xi dgħajsa, u x-xhud wieġeb li l-attur kellu dgħajjes oħra x'jiċċekkja l-marina, mhux dawk tas-soċjetà konvenuta biss. Fi kliem ix-xhud:

> "Imbilli jagħti daqqa t'għajn wara li jaħsilha? Lil Stephen dejjem staqsejnieh biex nagħmlu arranġament fuq dawn l-affarijiet u qatt ma għamilna wieħed għax iktar kien jaqbillu jiċċarġja bl-addoċċ *left, right and centre."*

Ix-xhud qal li kien biss f'daqqa waħda li l-attur beda jiċċarġja lis-soċjetà konvenuta għall-*guardianage.* Lix-xhud sarlu suġġeriment li dan jista' jkun li sar minħabba li għal xi żmien l-attur kien jintalab jinżel il-marina darba fil biex jiċċekkja xi dgħajsa f'xi lejl maltemp, filwaqt li wara xi żmien beda jintalab jinżel jiċċekkja d-dgħajjes iżjed spiss. Ix-xhud staqsa x'kienet ir-raġuni li għaliha s-soċjetà konvenuta qatt ma ntalbet ħlasijiet għall-*guardianage* qabel. Ix-xhud qal li x-xogħol li s-soċjetà konvenuta kienet tagħti lill-attur baqa' l-istess u ma żdiedx. Ix-xhud qal li minkejja li l-attur kien ilu jitlob *guardianage charges* sa

mis-sena 2011, il-ħlasijiet pretiżi minnu dejjem tħallsu lilu, u qal li s-soċjetà konvenuta mhix it-tip li ma tħallasx. Ix-xhud stqarr li hu ma kienx induna li kien ilu erba' snin jintalab *guardianage charges* u kien biss meta nfetħu dawn il-proċeduri li s-soċjetà konvenuta talbet li jsir *audit* tal-kontijiet kollha li kien bagħat l-attur fuq numru ta' snin. Ix-xhud qal li l-*commission* mitluba mill-attur segwiet il-bejgħ ta' dgħajsa, u żied jgħid li hu qatt ma kien jaf li bejn il-partijiet kien hemm ftehim għall-ħlas ta' kummissjoni fuq il-bejgħ ta' dgħajsa. Ix-xhud qal li l-valur ta' din id-dgħajsa kien taħt it-tliet mitt elf Euro, u l-attur ma kienx intitolat għal *commission* minkejja li x-xerrej prospettiv tad-dgħajsa kien klijent tal-attur, u dan kien tħajjar jixtri dgħajsa mingħand is-soċjetà konvenuta, li hi aġenta ta' dawk id-dgħajjes partikolari. Ix-xhud qal li jista' jkun li kien hemm diskors mal-attur fis-sens li ntalab jgħaddi kelma mal-klijent tiegħu sabiex dan il-bejgħ jiġi konkluż, għalkemm qatt ma kien hemm ftehim għall-ħlas ta' xi senserija bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li kien hemm numru ta' drabi fejn hu u esponenti oħra tas-soċjetà konvenuta bagħtu xogħol lill-attur jew bagħtulu klijenti, iżda qatt ma talbuh xi tip ta' ħlas għal dan. Ix-xhud qal li ma kienx hemm korrispondenza bil-miktub dwar il-fatt li l-attur ma kellux jitħallas *commission,* anzi l-ħlas kien isir lilu meta dan kien jitolbu. Fir-rigward tal-ħlasijiet għal reklamar pretiżi mill-attur, ix-xhud qal li l-attur qiegħed jippretendi ħlas għal servizzi ta' reklamar għaliex kien waħħal stiker tas-soċjetà konvenuta mal-vann tax-xogħol tiegħu, sabiex ikun jista' jattira aktar xogħol għalih. Ix-xhud ċaħad li kien hemm arranġament bejn il-partijiet biex filwaqt li l-attur jagħmel reklam tas-soċjetà konvenuta fuq il-vann tiegħu, din min-naħa tagħha tħallaslu l-*insurance* u l-liċenzja tal-vann. Ix-xhud qal li l-*anti-fouling* sar mill-attur, għalkemm iż-żebgħa ma nxtratx minnu. Qal ukoll li hu ħallas għax-xogħol lil Manoel Island Yacht Yard. Ix-xhud ikkonferma li minkejja

li hemm kreditu dovut lill-attur mis-soċjetà konvenuta, dan l-ammont ta' aktar minn elfejn Euro għadu ma tħallasx lilu.

Il-kontroeżami ta' **Matthew Fiorini Lowell** tkompla fl-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018[28], fejn ippreżenta kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu d-dgħajsa li kien fuqha d-*dinghy* li allegatament inżamm mill-attur, ġiet trasferita lura lis-soċjetà konvenuta.[29] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-*invoice* maħruġa minn Manoel Island fir-rigward tal-ħlas tal-*anti-fouling* li ntalab ħlas għalih mill-attur.[30] Ix-xhud qal li kien bejn wieħed u ieħor madwar sena qabel infetħet din il-kawża li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-attur għall-*over-charging* fuq il-kontijiet mibgħuta minnu. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' dokument relattiv għad-*dinghy* li kien abbord id-dgħajsa. Qal ukoll li mill-verifiki li għamel, irriżultalu li l-attur talab ħlas għad-diversi drabi meta ċċekkja dgħajjes waqt il-maltemp, u lilu rriżultalu li kienu ħlasijiet għall-istess ħaġa. Qal ukoll li anki l-*commission* għax-xiri tad-dgħajsa ta' Patrick Borg kienet tħallset mis-soċjetà konvenuta, minkejja li ma kien hemm ebda arranġament dwarha bejn il-partijiet. Ix-xhud spjega li l-attur dejjem kien jippreżenta l-kontijiet bil-għaġġla u kien jeżiġi ħlas immedjat minħabba li kellu *overdraft* mal-bank, u għalhekk ftit kien ikun hemm lok fejn l-esponenti tas-soċjetà konvenuta jiċċekkjaw il-kontijiet ippreżentati lilhom. Żied jgħid li l-kontijiet ġew ivverifikati mis-soċjetà konvenuta wara li kienu tħallsu. Ix-xhud qal li l-ħlasijiet relattivi kienu jsiru lill-attur ftit wara li dan kien jippreżenta l-kont, dakinhar stess jew l-għada. Żied jgħid ukoll li iżda kien hemm istanzi fejn il-ħlas dovut sar madwar xahar wara li ntalab il-ħlas mill-attur. Ix-xhud esebixxa dokument li jindika li d-*dinghy* li qiegħed jissemma f'dawn il-proċeduri kien ġie akkwistat minn Joe Satariano fl-

[28] *A fol.* 268 tal-proċess.
[29] Kuntratt tal-14 ta' Awwissu, 2008, a fol. 280 tal-proċess.
[30] *A fol.* 283 tal-proċess.

1999 bil-prezz ta' sitt miljun Lira Taljana, valuta ta' dak iż-żmien. Ix-xhud ikkonferma li bejn l-2003 u s-sena 2009, il-*yacht* flimkien mad-*dinghy* li qiegħed jissemma f'dawn il-proċeduri kienu fil-pussess ta' sidien Russi.

Fl-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Joseph Satariano**[31], li ntalab jikkonferma li hu kien akkwista d-*dinghy* inkwistjoni fis-sena 1999, iżda x-xhud qal li hu m'għandux idea meta sar dan l-akkwist. Ix-xhud qal li hu kien ġab dgħajsa minn barra u ġabilha *dinghy* minn barra, u din id-dgħajsa kienet tiegħu mhux tas-soċjetà konvenuta. Qal li wara li din id-dgħajsa kienet ilha għandu madwar sena, kien hemm xi ħadd li wera interess fl-akkwist tagħha. Qal ukoll li bis-saħħa tiegħu, l-attur għamel madwar ħmistax-il sena jaħdem ma' dawn il-persuni li xtraw din id-dgħajsa. Ix-xhud qal ukoll li fis-sena 2008, din id-dgħajsa reġgħet ġiet trasferita lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li hu qatt ma ċempel lill-attur u talbu jintervjeni ma' Patrick Borg sabiex dan jixtri dgħajsa li tiswa tliet mitt elf Euro, u lanqas ma qabel li l-attur kellu jitħallas xi *commission*. Ix-xhud qal li hu ħass li l-attur ma kellux jitlob *commission* meta fuq medda ta' snin kien ħa nofs miljun Euro xogħol mingħand is-soċjetà konvenuta. Fi kliem ix-xhud:

> "Jien nippretendi jekk bniedem qed intih madwar ħamsin, mitt elf lira fis-sena u meta nqabbdu ma' bniedem bħal ma qabbadtu mar-Russa biex jaħslilha l-*boat* kien jaqla' xi għoxrin elf magħha fis-sena, jekk hemm xi ħadd biex jixtri *boat,* Steve għandu jagħmilha u ma nħallsux biss Matthew ħallsu, mhux qed ngħid u ħallsu darbtejn, imma ma missux iċċarġjana."

Ix-xhud ikkonferma li kien jaf li l-attur kellu reklam tas-soċjetà konvenuta fuq il-vann tiegħu, għalkemm qal li ma kienx hu li talbu jagħmlu. Żied jgħid li ma

[31] *A fol.* 291 tal-proċess.

jafx jekk kienx jeżisti ftehim li bħala ħlas għal tali reklam, is-soċjetà konvenuta kellha tħallas il-liċenzja u l-assigurazzjoni tal-vann.

Fl-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2018 tkompla l-kontroeżami ta' **Matthew Fiorini Lowell**[32], li ppreżenta kopji ta' ċekkijiet flimkien ma' fatturi mibgħuta mill-attur sabiex jagħti indikazzjoni lill-Qorti dwar kemm kienu jdumu ma jsiru l-ħlasijiet lill-attur.[33] Ix-xhud qal li l-attur kien imur għand is-soċjetà konvenuta b'*batch invoices* u kien jippretendi li jsir il-ħlas immedjat tagħhom. Ix-xhud iċċara wkoll li minkejja li l-attur talab ħlas ta' *commission* f'żewġ fatturi separati, il-ħlas tagħhom mis-soċjetà konvenuta sar f'darba. Ix-xhud qal li s-servizzi tal-attur kienu jkunu meħtieġa biex jiċċekkja d-dgħajjes fil-ġranet meta jaħkem il-Grigal minħabba li d-dgħajjes kienu jkunu f'Manoel Island jew Ta' Xbiex fejn l-uniku riħ li jolqothom hu l-Grigal.

Fl-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2018 ġie riprodott l-attur **Stephen Micallef** in kontroeżami[34], li qal li m'għandu ebda rċevuta li tindika li l-*outboard* inxtara minnu. L-attur qal li hu beda jitlob ħlas għal servizzi ta' *guardianage* meta beda jintalab jinżel jiċċekkja d-dgħajjes fil-maltemp, u bdiet tiżdied il-frekwenza li biha beda jintalab jagħmel dan ix-xogħol. Lill-attur sarlu riferiment għal fattura partikolari li tinsab *a fol.* 174 tal-proċess, fejn talab ħlas għal servizzi ta' *guardianage* u għal servizzi ta' tindif separatament, u l-attur spjega li kien hemm drabi fejn ma sarx tindif iżda sar biss *guardianage* tad-dgħajjes. Qal li s-servizzi ta' *guardianage* ikunu meħtieġa l-aktar fix-xhur tax-xitwa, fi żmien il-maltemp. Fir-rigward tad-dgħajsa bl-isem 'Crewless', l-attur

[32] *A fol.* 309 tal-proċess.
[33] *A fol.* 327 *et seq.* tal-proċess.
[34] *A fol.* 375 tal-proċess.

qal li kien hemm drabi fejn hu tqabbad jagħmel ix-xogħol mis-sid direttament u kien hemm drabi fejn kien iċempillu Matthew Fiorini Lowell u jitolbu jippresta servizzi speċifiċi. Żied jgħid li hu dejjem kien jagħti l-kontijiet lil Matthew Fiorini Lowell u dan dejjem kien iħallsu. B'riferiment għad-*dinghy* li ssemma mis-soċjetà konvenuta, l-attur qal li dan huwa proprjetà tiegħu peress li kien ingħata lilu mis-sidien Russi li kienu xtraw id-dgħajsa u d-*dinghy* inkwistjoni kien magħha. Qal li kienet sid id-dgħajsa li kienet tatulu minħabba li xtaqet wieħed ġdid, u dan id-*dinghy* llum ma jiswa xejn minħabba li ilu barra madwar għoxrin sena, u l-użu ta' *dinghy* hu limitat għal għaxar snin. L-attur kompla jixhed fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018[35], fejn qal li l-ħlas lilu da parti tas-soċjetà konvenuta kien isir fl-aħħar ta' kull xahar, u hu kien jiġbor il-fatturi ta' xahar sħiħ u jippreżentahom għall-ħlas fl-aħħar tax-xahar. Qal li kien jgħaddi perijodu ta' żmien bejn meta hu kien jippreżenta l-fatturi u meta kien isir il-ħlas. Qal li anki fir-rigward tal-mili tad-dgħajjes bil-*fuel,* hu kien jassigura li d-dgħajjes dejjem ikollhom il-*fuel* u hu dejjem tħallas mis-soċjetà konvenuta direttament għall-*fuel* li kien jipprovdi. Żied jgħid li minkejja li ma kien hemm ebda arranġament bil-miktub, il-partijiet kienu ilhom għaddejjin b'dan il-metodu ta' xogħol għal diversi snin. Żied jgħid li l-ewwel darba li hu sar jaf mingħand is-soċjetà konvenuta li kien qed jiġi allegat li kien hemm *overcharging* min-naħa tiegħu, kien meta nfetħet il-kawża, u qatt qabel din il-kwistjoni ma kienet tqajmet da parti tas-soċjetà konvenuta.

Il-kontroeżami tal-attur tkompla fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019[36], meta l-attur qal li d-*dinghy* inkwistjoni ma kienx inxtara minnu, iżda kien ingħata lilu mis-sidien tad-dgħajsa, wara li kien ilu jaħdem magħhom madwar għaxar snin.

---

[35] *A fol.* 403 tal-proċess.
[36] *A fol.* 410 tal-proċess.

Qal li preċedentement id-dgħajsa u d-*dinghy* kienu ta' Joseph Satariano, iżda meta d-*dinghy* ngħata lilu, dan ingħata lilu mill-persuni li dak iż-żmien kienu s-sidien tiegħu u tad-dgħajsa li kien fuqha. Żied jgħid li hu kemm-il darba silef dan id-*dinghy* lil Matthew Fiorini Lowell għax-xogħol jew biex jgħabbih fuq id-dgħajsa tiegħu meta joħroġ biha. Kompla jgħid li hu bidel il-mutur tad-*dinghy* minħabba li l-mutur oriġinali ma kienx baqa' tajjeb, u dan il-mutur kien ilu li nbidel miż-żmien li fih id-dgħajsa kienet fil-pussess ta' dawn il-persuni Russi. L-attur spjega li meta fuq fattura partikolari hu ppretenda ħlas għal *guardianage during storm,* ix-xogħol kien jinvolvi li jmur fil-post fejn jinżammu d-dgħajjes fis-sagħtejn ta' filgħodu u jiċċekkjahom, jara jekk ikunux inqatgħu xi ħbula, iżid il-ħbula, u xogħol ieħor bħal dan. Qal li f'ċirkostanzi normali *guardianage* jinkludi li wieħed jiċċekkja għall-ilma, jistartja l-magni, iħaddem il-pompi tal-ilma, filwaqt li meta jinqala' l-maltemp wieħed jistenna minn kull tip ta' ħsara u allura x-xogħol li jrid isir ikun aktar intensiv. L-attur qal ukoll li dwar il-ħlas ta' *commission* wara li nxtrat id-dgħajsa minn Patrick Borg, hu kellu ftehim ma' Matthew Fiorini Lowell. Dwar il-kont li nħareġ mill-Manoel Island Yacht Yard għall-ħlas ta' servizz ta' *anti-fouling* li ntalab ħlas għalih ukoll mill-attur, l-attur spjega li l-ħlas ma ntalabx għall-istess ħaġa, tant hu hekk anki l-ammonti mitluba huma differenti.

## Konsiderazzjonijiet legali

L-attur qiegħed jitlob li s-soċjetà konvenuta tiġi ordnata tħallsu s-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u tliet Euro (€14,903) wara li s-soċjetà konvenuta, li kienet tinkarigah jagħmel xogħol fuq dgħajjes u jottijiet tal-klijenti tagħha, naqset milli tħallsu għal xi xogħol ipprestat mill-attur rikonvenzjonat għax-

xhur ta' Lulju u Awwissu 2014. Mill-provi jirriżulta li l-partijiet kellhom relazzjoni ta' negozju bejniethom li tmur lura diversi snin, bl-attur jiġġestixxi negozju fejn jipprovdi servizzi varji lis-sidien ta' dgħajjes u inġenji tal-baħar, fosthom servizzi ta' tindif, *guardianage,* mili ta' *fuel,* u tlestija tad-dgħajjes biex jinħarġu fuq il-baħar, filwaqt li s-soċjetà konvenuta jirriżulta li għal snin twal inkarigat lill-attur biex jipprovdi tali servizzi lill-klijenti tagħha. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Robert Arrigo u ta' David Demajo, minn fejn jirriżulta li għad li dawn irrikorrew għand is-soċjetà konvenuta għas-servizzi rikjesti minnhom, huma kienu jafu li x-xogħol fuq l-inġenji tal-baħar tagħhom kien jagħmlu l-attur, u dan minkejja li l-ħlas għal dawn is-servizzi kienu jagħmluh direttament lis-soċjetà konvenuta. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Michael Debono, *driver* mas-soċjetà AC Fuel li mingħandha kien jiġi akkwistat il-*fuel* marittimu mill-attur, li kien ikun l-attur li jħallas tal-*fuel* meħtieġ mill-klijenti tas-soċjetà konvenuta, u dan anki f'dawk id-drabi fejn ix-xhud ikkonferma li fuq l-istess opra tal-baħar kien ikun hemm l-attur preżenti flimkien ma' Matthew Fiorini Lowell, direttur tas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta li bejn il-partijiet fil-kawża inqala' diżgwid wara li klijent tas-soċjetà konvenuta ikkontesta l-ħlas mitlub minnu mis-soċjetà konvenuta għal servizzi li kienu ġew ipprestati mill-attur, u ġie osservat li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tagħmel profitt minn fuq il-klijenti tagħha fuq il-prezz fatturat mill-attur. Jidher li wara dan l-inċident, is-soċjetà konvenuta wissiet lill-attur biex ma jikkomunikax u biex bl-ebda mod ma javviċina klijenti tagħha, u saħansitra infurmatu li ma kinitx ser tgħaddilu aktar xogħol, b'mod li l-attur ġie mwissi formalment li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kienet qiegħda tiġi tterminata. Kien in vista tal-fatt li r-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat sal-punt li saħansitra l-attur xehed li kien hemm aggressjoni bejnu Matthew

Fiorini Lowell, li l-attur ipproċeda b'din il-kawża sabiex jassigura li jitħallas dak dovut lilu skont il-fatturi li ntbagħtu minnu lis-soċjetà konvenuta.

Tqis illi minkejja li s-soċjetà konvenuta tirrikonoxxi li huma dovuti l-ammonti pretiżi mill-attur, madanakollu din qed tirrifjuta li tħallas billi s-soċjetà konvenuta tippretendi li għandha ssir tpaċija ta' dawn l-ammonti dovuta lill-attur ma' ammonti oħrajn li kienu tħallsu mis-soċjetà konvenuta fi snin imgħoddija għal xogħol u servizzi li s-soċjetà konvenuta tgħid li qatt ma kienet inkarigat lill-attur biex jagħmel, fosthom: ħlasijiet għal servizzi ta' *guardianage* li bdew jintalbu mill-attur fis-sena 2011, meta s-soċjetà konvenuta ma kienet tat ebda inkarigu lill-attur biex jipprovdi tali servizz; ħlas ta' *commission* fl-ammont ta' ħamest elef Euro wara li kien hemm persuna li xtrat dgħajsa mingħand is-soċjetà konvenuta wara li għadda kelma tajba l-attur, u li s-soċjetà konvenuta tgħid li qatt ma kien hemm ftehim espress bejn il-partijiet dwarha; ħlas għal xogħol ta' *anti-fouling,* liema xogħol is-soċjetà konvenuta tirrikonoxxi li sar mill-attur, għalkemm tgħid li hi ħallset tiegħu lil Manoel Island Yacht Yard; ħlas għal servizzi ta' reklamar li s-soċjetà konvenuta tgħid li qatt ma kien hemm ftehim espress dwarhom, u li jidher li bdew jintalbu mill-attur wara li dan waħħal stiker bil-logo tas-soċjetà konvenuta fuq il-vann tiegħu; kif ukoll ħlas għal servizzi ta' *guardianage* fejn kien jidher li diġà sar ħlas għal servizzi ta' tindif, xi ħaġa li s-soċjetà konvenuta tikkontendi li tammonta għal ħlas doppju lill-attur għall-istess servizz. Inoltre s-soċjetà konvenuta tikkontendi wkoll li l-attur approprja għalih *dinghy* u mutur *outboard* li kienu fuq dgħajsa proprjetà tas-soċjetà konvenuta, u li l-valur ta' dan id-*dinghy* u tal-mutur għandhom jiġu paċuti mal-ħlas dovut mis-soċjetà konvenuta lill-attur. B'żieda mal-eċċezzjonijiet imressqa minnha, is-soċjetà

konvenuta ressqet kontrotalba fejn qalet li dan l-aġir tal-attur fuq numru ta' snin ikkawżalha danni, u filwaqt li talbet lill-Qorti tiddikjara li l-attur jirrifondi lilha l-ammonti ta' flus li hu rċieva bħala ħlas doppju għal diversi mis-servizzi pprestati minnu, hija talbet il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dawn id-danni. Jirriżulta wkoll li l-pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta tqanqlu wara li l-attur ta' bidu għal dawn il-proċeduri, u tul is-snin meta l-partijiet kellhom relazzjoni kummerċjali bejniethom, qatt ma kien hemm kontestazzjoni ta' xi kont jew xi talba għall-ħlas min-naħa tas-soċjetà konvenuta, u l-kwistjonijiet marbuta ma' *overcharging* u l-ħlas għal servizzi li qatt ma ntalbu mis-soċjetà konvenuta, tqajmu wara li ġiet ippreżentata din il-kawża.

In vista tad-diversi eċċezzjonijiet preliminari mqajma kemm mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta kif ukoll mill-attur rikonvenzjonat, il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa fl-ewwel lok l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati minnhom. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-attur irid jipprova li t-talbiet tiegħu mhumiex preskritti ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistabbilixxi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar fir-rigward tal-azzjonijiet ta' persuni tas-sengħa jew li jaħdmu f'arti mekkanika għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom jew tal-materjal li jfornu. Apparti li huwa evidenti li l-kawża promossa mill-attur ġiet ippreżentata entro t-terminu ta' tmintax-il xahar minn meta ġew ipprestati s-servizzi li qiegħed jintalab il-ħlas tagħhom mill-attur, stante li l-fatturi għal dan ix-xogħol intbagħtu f'Lulju u f'Awwissu tal-2014, filwaqt li din il-kawża ġiet ippreżentata f'Ġunju tal-2015, mill-provi jirriżulta li saret ammissjoni mid-direttur tas-soċjetà konvenuta Matthew Fiorini Lowell, li l-ammonti pretiżi mill-attur huma dovuti lilu, tant hu hekk is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li dak li huwa dovut lill-attur

għandu jiġi paċut ma' flejjes li tħallsu lill-attur fi snin imgħoddija, u konsegwentement is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li kulma għandha tħallas lill-attur hu l-ammont ta' €2,150. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni li ġiet sollevata mis-soċjetà konvenuta sejra tiġi miċħuda.

L-attur rikonvenzjonat eċċepixxa l-preskrizzjoni abbażi tal-artikolu 2153 u abbażi tal-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tat-talbiet u l-pretensjonijiet imqajma mis-soċjetà konvenuta fil-kontrotalba tagħha. L-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn. Dan l-artikolu partikolari tal-liġi japplika għal danni extra-kuntrattwali, jiġifieri għal dawk id-danni li jirriżultaw mhux minħabba inadempjenza ta' obbligazzjoni, iżda *ex delicto vel quasi.* F'deċiżjoni fl-ismijiet **Stivala *vs* Colombo**[37], ġie stabbilit illi:

> "Għalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbaħha."

Għaldaqstant huwa ċar li l-kontrotalbiet imressqa mis-soċjetà konvenuta ma japplikax għalihom it-terminu preskrittiv maħsub f'dan l-artikolu partikolari tal-liġi. L-attur permezz tar-Risposta Maħlufa ulterjuri tiegħu, ressaq ukoll l-eċċezzjoni li l-kontrotalbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta huma preskritti bis-saħħa tat-tħaddim tal-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi illi:

[37] P.A. 09.01.1953.

> "L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball."

Is-soċjetà konvenuta, fil-kontrotalbiet tagħha, talbet ir-rifużjoni ta' ħlasijiet li saru minnha mingħajr ma kien imiss, u ssostni li t-terminu preskrittiv stabbilit bil-liġi beda jiddekorri minn dakinhar li dak li lilu tmiss l-azzjoni kixef l-iżball. F'dan ir-rigward is-soċjetà konvenuta tgħid li hi indunat bl-"iżball" jew aħjar bid-diskrepanzi fir-rigward tal-ħlasijiet li saru minnha, meta nfetħu dawn il-proċeduri mill-attur u talbet lill-awditur tagħha jivverifika l-kontijiet passati li ntbagħtu lilha mill-attur, u għalhekk dan l-artikolu tal-liġi ma japplikax għas-sitwazzjoni odjerna. Il-liġi tipprovdi għal terminu preskrittiv ta' sentejn li jolqot l-azzjoni għar-radd tal-ħlas ta' dak li tħallas bla ma jmiss, *indebiti solutio.* Il-Qorti tqis li mhuwiex verosimili li l-esponenti tas-soċjetà konvenuta indunaw bl-allegati żbalji fil-ħlasijiet magħmula minnhom qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri, u baqgħu siekta jħallsu, sabiex imbagħad irreaġixxew biss meta l-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni. Dak li aktarx ġara huwa li minħabba nuqqas ta' attenzjoni jew traskuraġni, is-soċjetà konvenuta naqset milli tivverifika l-kontijiet ippreżentati lilha mill-attur, u kienet teffettwa l-ħlasijiet mitluba mingħajr ebda kontestazzjoni, għalkemm il-Qorti tirrikonoxxi wkoll li s-soċjetà konvenuta ma kinitx tħallas fil-pront, u li kieku riedet tagħmel il-verifiki tagħha, kellha l-ħin u r-riżorsi umani neċessarji biex tagħmel dan. Iżda għal xi raġuni, u f'dan ir-rigward hija attendibbli l-verżjoni tas-soċjetà konvenuta meta qalet li hija indunat b'dawn l-allegati ħlasijiet indebiti biss wara li ġiet istitwita l-kawża odjerna, is-soċjetà konvenuta kienet tonqos milli tagħmel dawn il-verifiki, u għalhekk indunat bl-'iżball' biss wara li l-attur kien

fetaħ din il-kawża. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili wkoll ser tiġi miċħuda.

Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tevalwa t-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet imressqa fil-mertu mis-soċjetà konvenuta. Jirriżulta ampjament ippruvat li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet ibbażata fuq element ta' fiduċja li tkattret maż-żmien. Il-Qorti semgħet lix-xhud Joseph Satariano jgħid li hu kien ilu jaf lill-attur diversi snin u tul is-snin is-soċjetà konvenuta għaddiet volum qawwi ta' xogħol lill-attur. Jidher li n-negozju li jiġġestixxi l-attur għadu jiddependi ħafna minn xogħol li jsir manwalment, anki fir-rigward ta' ħruġ ta' kontijiet, tant hu hekk anki l-fatturi mibgħuta lis-soċjetà konvenuta kienu jinkitbu bl-idejn, u minkejja dan, din is-sitwazzjoni qatt ma tat lok għal diżgwid bejn il-partijiet u qatt ma kien hemm ċirkostanzi li minħabba fihom is-soċjetà konvenuta kkontestat xi kont mibgħut lilha jew ma qablitx mal-ammonti mitluba mill-attur u wara li kienet tirċievi l-flejjes dovuti lilha mingħand il-klijenti tagħha, is-soċjetà konvenuta kienet tħallas lill-attur. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta ampjament li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas lill-attur l-ammont komplessiv ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€22,293.43) għax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2014, u fuq ammissjoni tal-attur, minn dan l-ammont is-soċjetà konvenuta ħallset lill-attur is-somma ta' għaxart elef (€10,000) Euro, sabiex b'hekk fadal bilanċ dovut ta' tnax-il elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€12,293.43) x'jitħallsu lill-attur mis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni s-soċjetà konvenuta qajmet l-eċċezzjoni li l-attur ma ppreżenta l-ebda prospett dettaljat jew *delivery notes* li kien hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet, meta huwa ċar li bejn il-partijiet kien hemm

arranġament prattiku li serva lill-partijiet għal diversi snin. Ħadd ma jiffirma kuntratt ma' *mechanic* meta jieħu karozza biex tissewwa, bħalma ħadd ma jiffirma kuntratt bil-miktub ma' persuna li toffri servizz ta' tindif fid-djar, iżda dejjem hemm il-ħsieb u l-intiża li għal kull biċċa xogħol jew servizz ipprovdut, il-persuna li tippresta tali servizz, għandha titħallas tiegħu. Is-soċjetà konvenuta ssostni però li din is-somma għandha tiġi paċuta in parti ma' dak li huwa dovut mill-attur lis-soċjetà konvenuta, minħabba li skont hi saru minnha ħlasijiet doppji għal servizzi pprestati lilha mill-attur, minħabba li l-attur approprja ruħu minn *dinghy* u mutur *outboard* li huma proprjetà tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll minħabba li l-attur ippretenda ħlasijiet mingħand is-soċjetà konvenuta għal servizzi li ma kienx hemm ftehim dwarhom bejn il-partijiet, fosthom servizzi ta' reklamar u l-ħlas ta' *commission* li tħallset lill-attur wara li dan intervjena ma' terz u ħajru jixtri dgħajsa mingħand is-soċjetà konvenuta.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiemha mis-soċjetà konvenuta, partikolarment fejn hija qalet li l-attur talab ħlas doppju għall-istess servizz, minħabba li fuq uħud mill-fatturi ntalab ħlas għal servizzi ta' *guardianage* u għat-tindif ta' dgħajsa b'mod separat, meta skont is-soċjetà konvenuta, hi qatt ma talbet lill-attur jipprovdi servizzi ta' *guardianage,* u meta skont hi, *guardianage* jinkludi t-tindif tad-dgħajjes. Il-Qorti semgħet lill-attur jixhed dwar x'jinvolvi servizz ta' *guardianage*, minn fejn irriżulta li meta persuna tiġi inkarigata tipprovdi dan it-tip ta' servizz, ix-xogħol involut huwa ferm aktar laborjuż minn sempliċiment tindif ta' dgħajsa, u dan it-tip ta' servizz jingħata f'ċirkostanzi diffiċli bħal meta jinqala' l-maltemp. L-attur xehed li kien hemm ċirkostanzi fejn inqala' l-maltemp f'nofs ta' lejl, u hu ntalab imur jiċċekkja d-

dgħajjes li jkunu fil-kustodja tas-soċjetà konvenuta, waqt li l-esponenti tal-istess soċjetà jibqgħu fil-kumdità ta' djarhom. Mistoqsi dwar dan, Matthew Fiorini Lowell jidher li ppretenda li dan is-servizz jingħata b'xejn mill-attur, tant li r-risposta tiegħu meta ġie suġġerit lilu li l-attur spiss kien jintalab jinżel jiċċekkja d-dgħajjes f'iljieli ta' maltemp kienet "imbilli jagħti daqqa t'għajn wara li jaħsilha?" Mill-mod kif xehed l-attur jidher li dan jaf tajjeb x'inhu jagħmel u x'inhu rikjest minnu meta jingħata inkarigu jieħu ħsieb dgħajsa, u l-Qorti setgħet tapprezza mix-xhieda li ta l-attur stess, li *guardianage* jinvolvi ferm u ferm aktar milli wieħed jagħti daqqa t'għajn sabiex jassigura li dgħajsa tkun baqgħet fl-istess post fejn tħalliet qabel beda l-maltemp. Fil-kuntest ta' dan kollu, il-Qorti tqis li kull darba li l-attur ippretenda ħlas għal servizzi ta' *guardianage* fil-fatturi maħruġin minnu, hu kien ġustifikat li jagħmel dan, u s-soċjetà konvenuta kienet kuntenta tħallas għal tali servizzi stante li l-fatturi ppreżentati lilha għall-ħlas, anki jekk miktuba manwalment, kienu dettaljati biżżejjed u kien jispetta lilha li tagħmel il-verifiki neċessarji qabel teffettwa l-ħlas mitlub. F'dan il-kuntest ukoll, il-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta għal rifużjoni lilha ta' flejjes li hi tallega li ħallset indebitament jew għar-rifużjoni ta' ħlasijiet doppji li hi tgħid li għamlet, qiegħda tiġi miċħuda.

Is-soċjetà konvenuta allegat ukoll li kien hemm istanza fejn l-attur ippretenda ħlas għal xogħol ta' *anti-fouling* li sar minnu fuq waħda mid-dgħajjes, meta rriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet diġà ħallset għal dan l-istess servizz lil terzi. Il-Qorti evalwat il-provi miġjuba quddiemha f'dan ir-rigward, minn fejn jirriżulta li l-ammont ta' flus li tħallsu lil terzi huwa differenti mill-ammont pretiż mill-attur. L-attur qal ukoll li x-xogħol ta' *anti-fouling* meħtieġ kien hu li għamlu, u għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem il-lanjanza tas-soċjetà konvenuta li tippretendi li għax sar ħlas lil terz għal materjal fornut, l-attur m'għandux

jitħallas ta' xogħlu. Mill-provi ħareġ ċar ukoll li minkejja li t-talba tal-attur għall-ħlas tnizzlet f'żewġ fatturi differenti, fir-realtà il-ħlas mis-soċjetà konvenuta sar darba waħda biss, u għalhekk ċertament li mhux il-każ li sar ħlas doppju għall-istess servizz. Anki jekk il-Qorti diġà ġibdet l-attenzjoni dwar dan, u ċjoè li s-soċjetà konvenuta kellha l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tivverifika l-kontijiet mibgħuta lilha mill-attur, barra minn hekk is-soċjetà konvenuta ma setgħet qatt tispiċċa tagħmel ħlas doppju, għaliex wara kollox is-soċjetà konvenuta kienet teżiġi li l-ewwel tiġbor flusha mingħand il-klijenti tagħha qabel tħallas lill-attur, u ċertament l-ebda klijent li jkun ġia ħallas għal servizz partikolari, mhu ser jaċċetta li jagħmel ħlas doppju għall-istess biċċa xogħol. Din il-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta sejra wkoll għalhekk tiġi miċħuda.

Is-soċjetà konvenuta qalet ukoll li mingħajr ma kien jeżisti ftehim bejn il-partijiet fir-rigward, l-attur beda jiċċarġja flejjes għal reklami li hu kien jagħmel għas-soċjetà konvenuta, u dan billi waħħal stiker bil-*logo* tas-soċjetà konvenuta fuq vann minn tiegħu. Esponenti tas-soċjetà konvenuta saħqu li dan sar b'mod gratuwitu da parti tal-attur, bl-intiża li hu jattira aktar xogħol għalih. Ċifri ppreżentati mix-xhud Anton Chetcuti Ganado[38] jindikaw li l-attur ippretenda ħlasijiet għal servizzi ta' reklamar fi tliet istanzi differenti, darba fl-ammont ta' €450 f'Novembru tal-2013, darba oħra fl-ammont ta' €620 f'Novembru tal-2011, u darba oħra fl-ammont ta' €450. Jidher li s-soċjetà konvenuta ġiet a konjizzjoni ta' ħlasijiet li saru minnha għal tali servizzi wara li nbdew dawn il-proċeduri u l-awditur tagħha ntalab jagħmel verifika tal-fatturi ppreżentati mill-attur tul is-snin. Għas-suġġeriment li sar lill-esponenti tas-

[38] *A fol.* 153 tal-proċess.

soċjetà konvenuta li kien hemm arranġament bejn il-partijiet li permezz tiegħu l-attur ġie mwiegħed li jekk jagħmel tali reklam is-soċjetà konvenuta tħallaslu l-liċenzja u l-*insurance* tal-vann tiegħu, dawn wieġbu li qatt ma kien hemm dat-tip ta' arranġament. Il-Qorti kkonsidrat, fin-nuqqas ta' provi konkreti fil-forma ta' ftehim bil-miktub li jistipula x'kien l-arranġament ta' bejn il-partijiet f'dan ir-rigward, li mhux verosimili li soċjetà bħal dik konvenuta, ewlenija f'pajjiżna fil-qasam tal-bejgħ ta' tagħmir marittimu, tidħol f'arranġament ma' wieħed mis-*sub-contractors* tagħha għal reklamar permezz tat-twaħħil ta' stikers ma' vann tax-xogħol tiegħu, bil-ħsieb li jsir xi ħlas għal dan ir-reklam F'dan ir-rigward, u in vista tal-fatt li jirriżulta li l-imsemmija ammonti tħallsu mis-soċjetà konvenuta lill-attur, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li dawn l-ammonti hekk imħallsa mis-soċjetà konvenuta għandhom jiġu rifużi lilha mill-attur.

Is-soċjetà konvenuta allegat ukoll li l-attur qiegħed iżomm fil-pussess tiegħu *dinghy* b'mutur *outboard,* li flimkien ingħataw valur ta' elf u tliet mitt Euro mis-soċjetà konvenuta, meta tali mutur u d-*dinghy* huma proprjetà tas-soċjetà konvenuta. L-attur spjega fid-dettall iċ-ċirkostanzi li fihom huwa spiċċa fil-pussess ta' dan id-*dinghy* u l-mutur ta' 20hp, u qal li minkejja li dawn oriġinarjament kienu parti minn dgħajsa li kienet proprjetà tas-soċjetà konvenuta, din id-dgħajsa kienet inbiegħet lil klijenti Russi, li kienu jużaw is-servizzi tal-attur għall-manutenzjoni u t-tindif tad-dgħajsa tagħhom. Qal li wara xi żmien dawn ir-Russi kienu bidlu d-dgħajsa, u xtraw dgħajsa oħra mingħand is-soċjetà konvenuta, u bħala parti mill-ħlas ingħatat lura l-ewwel dgħajsa li kienet ġiet akkwistata mingħand is-soċjetà konvenuta. Għal xi żmien, dawn il-klijenti Russi kienu żammew id-*dinghy* li kien jakkumpanja l-ewwel dgħajsa akkwistata minnhom, iżda wara xi żmien kienu ddeċidew li

jibdluh, u kien hemmhekk li huma offrew dan l-istess *dinghy* lill-attur. Fil-kuntest ta' dak li ġie spjegat, il-Qorti tqis li mhux il-każ li l-attur immisapproprja għalih dan id-*dinghy,* iżda jirriżulta li dan id-*dinghy,* li ilu barra aktar minn għoxrin sena, u għaldaqstant hemm dubji dwar jekk illum għadx għandu valur ta' xi ħaġa, kien ingħata lilu mill-persuni li kienu sidien tiegħu f'dak iż-żmien. Il-fatt li d-dgħajsa li intużat bħala *part-exchange* ġiet ritornata lura lis-soċjetà konvenuta mingħajr id-*dinghy,* huwa fattur li kellu jiġi kkunsidrat mis-soċjetà konvenuta meta rċeviet id-dgħajsa lura, u mhux għaxar snin wara li kienet ħadet lura l-pussess tad-dgħajsa. Is-soċjetà konvenuta ma ġietx a konjizzjoni tal-fatt li l-attur qiegħed iżomm dan id-*dinghy* għandu wara li nbdiet din il-kawża, 'il għaliex kemm l-attur kif ukoll l-esponenti tas-soċjetà konvenuta xehdu li l-attur kemm-il darba silef dan id-*dinghy* lil Matthew Fiorini Lowell, biex jagħmel użu personali minnu, u għalhekk il-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta li dan id-*dinghy* u l-mutur jiġu ritornati lilha stante li huma proprjetà tagħha, hija biss maħsuba biex tivvessa lill-attur u għalhekk għandha tiġi miċħuda.

Finalment il-Qorti sejra tikkonsidra l-ħlas ta' ħamest elef Euro (€5,000) li kien sar mis-soċjetà konvenuta lill-attur wara li dan kien talab il-ħlas ta' *commission* wara li kien intervjena ma' terz biex jakkwista dgħajsa bil-valur ta' tliet mija u erbgħin elf Euro (€340,000) mingħand is-soċjetà konvenuta. Il-Qorti semgħet lill-attur jixhed kif Matthew Fiorini Lowell kien talbu jgħaddi kelma tajba ma' dan l-individwu identifikat bħala Patrick Borg, li oriġinarjament kien wera l-ħsieb li jixtri dgħajsa minn x'imkien ieħor u sussegwentement kien xtara dgħajsa mingħand is-soċjetà konvenuta. Jidher ukoll li kien hemm korrispondenza elettronika bejn il-partijiet, anki jekk mhux

f'dan il-każ partikolari, fejn Matthew Fiorini Lowell kien iħajjar lill-attur jakkumpanja persuni li juru interess fix-xiri ta' xi dgħajsa. Is-soċjetà konvenuta tippretendi li ladarba ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub mal-attur dwar dan, hu ma kellux jippretendi il-ħlas ta' *commission* speċjalment meta s-soċjetà konvenuta kienet tgħaddilu bosta klijenti bi qligħ ta' eluf ta' Euro għalih. Il-Qorti kkonsidrat li l-ħlas ta' ħamest elef Euro (€5000) fuq il-prezz tal-bejgħ ta' tliet mija u erbgħin elf Euro (€340,000), jammonta għal 1.47% tal-prezz tal-bejgħ tad-dgħajsa inkwistjoni. Ġie kkonsidrat ukoll li in linea mal-massima *omnia labor optat premium,* il-pretensjoni tal-attur għall-ħlas tas-servizz ipprovdut minnu kienet ġusta, filwaqt li mill-mod kif xehdu esponenti tas-soċjetà konvenuta, jidher li dawn ippretendew li l-attur jipprovdilhom għadd ta' servizzi mingħajr ħlas bi tpattija għall-fatt li huma kienu jgħaddulu numru ta' klijenti. Hawn ukoll, il-Qorti tqis li t-talba tas-soċjetà konvenuta għar-rifużjoni ta' dan l-ammont imħallas minnha hi wkoll waħda li m'għandhiex tiġi milqugħa.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**
2. **Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur, u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' tnax-il elf, mitejn u**

**tlieta u disgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€12,293.43) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas din is-somma lill-attur;**

3. **Filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, tordna li l-attur għandu jirrifondi l-ħlas li kien sar lilu b'mod indebitu mis-soċjetà konvenuta fis-somma ta' elf, ħames mija u għoxrin Euro (€1,520) għal servizzi ta' reklamar li ma kinux ġew miftiehma mas-soċjetà konvenuta.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.